# Network Dinji ta' Talb mal-Papa

Adorazzjoni skont il-Fehma tal-Papa Ġunju 2017



Matul ix-xahar ta' Ġunju, il-Papa qed jistedinna sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex il-mexxejja tal-pajjiżi jikkommettu ruħhom bis-sħiħ biex iwaqqfu l-bejgħ tal-armi, li jġibu tant qerda fost nies innoċenti.

**Qari:** *Mid-diskors ta' Papa Franġsiku lill-ambaxxaturi.*

Irrid niġbed l-attenzjoni fuq żewġ sfidi, li ż-żmien tagħna qed jurina li hemm urġenza li naffrontawhom biex nibnu dinja aktar paċifika. Dawn huma t-traffikar tal-armi u l-migrazzjoni sfurzata.

Kulħadd jitkellem dwar il-paċi, kulħadd jiddikjara li jridha, imma sfortunatament it-tixrid tal-armamenti ta' kull xorta qed imexxina lejn il-maqlub ta' dan. Il-kummerċ tal-armi qiegħed jikkomplika u jbiegħed is-soluzzjoni tal-kunflitti, l-aktar għaliex dan iseħħ u jitkattar, fil-biċċa l-kbira tal-każi, 'il barra mill-qafas legali.

Għaldaqstant insostni li, waqt li aħna miġburin f'din is-Sede Appsotolika, li min-natura tagħha hi responsabbli għal servizz speċjali lejn il-kawża tal-paċi, nistgħu ngħaqqdu leħinna flimkien biex nawguraw li l-komunità internazzjonali kuraġġ u timpenja ruħha kontra t-tixrid u t-tkattir tal-armamenti.

Mulej Ġesù, kif qal il-Papa Franġisku,
kulħadd jixtieqha l-paċi imma, mill-banda l-oħra,
it-tixrid tal-armi, ħafna drabi b'mod illegali,
ifisser li ma hemmx rieda soda favur il-paċi.
Anzi, forsi r-rieda qiegħda biex isir iktar kummerċ ta' armi,
li jispiċċaw saħansitra fl-idejn ta' tfal-suldati.
Sfortunatament qed ngħixu fi żmien fejn ta' sikwit
qed niġu ffaċċjati bil-mewt ta' persuni u tfal innoċenti
minħabba t-terroriżmu u l-gwerer,
li saru ħaġa ta' kuljum li naraw fl-aħbarijiet.
Donnu tlifna kull sens ta' djalogu u qed infittxu
mezzi dejjem ġodda ta' mibegħda, ta' vjolenza u ta' qtil.
Mulej, nitolbok sabiex tagħtina l-grazzja
sabiex aħna lkoll inħeġġu l-imħabba fejn hemm il-mibegħda,
sabiex niddjalogaw mal-oħrajn
u ma nehdew qatt nitolbu għal kulħadd.
Sabiex, kif qal il-Papa Franġisku, nużaw dawn il-mezzi
biex nibdlu l-mibegħda u l-ġlied f'imħabba u qbil.
Sabiex niżirgħu l-maħfra fejn hemm il-ħtija,

u biex nimxu flimkien fit-toroq tal-paċi.
Waqt li kien Baku l-Papa Franġisku
għamel referenza għall-profeta Isajija, meta qal
*"huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet,*
*u l-lanez tagħhom fi mnieġel.*
*Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor,*
*u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed."* ( Is 2:4).
Mhux li kien Mulej li l-armamenti jinbidlu fi mnieġel
ħalli jieqfu l-gwerer, jonqos il-ġuħ madwar id-dinja
u nibdew ngħixu fl-armonija u fil-paċi.
Nitolbuk sabiex il-mexxejja tad-dinja
jfittxu l-paċi dejjiema, paċi li tkun mibnija fuq laqgħat sinċiera,
fejn huma jmorru b'rieda tajba u tama għall-paċi.
Jalla huma jffitxu dak li jgħaqqdhom bħala bnedmin,
u jwarrbu kull preġudizzju u kull ħaġa li tista' tifridhom
u tbegħedhom minn xulxin,
fosthom il-preġudizzji u l-ħtijiet tal-imgħoddi,
kif ukoll l-interessi tagħhom.

**Qari:** *Mid-diskors ta' Papa Franġisku waqt Il-Angelus fit-8 ta' Settembru 2013.*

In-Nisrani jiddistakka ruħu minn kollox u jsib kollox fil-loġika tal-Vanġelu: il-loġika tal-imħabba u l-qadi.

F'dan il-waqt, meta aħna qed nitolbu bil-ħerqa għall-paċi, il-kelma tal-Mulej tolqotna mill-qrib. Fundamentalment qed tgħidilna: hemm gwerra akbar li rridu niġġieldu lkoll kemm aħna! Hija d-deċiżjoni qawwija u kuraġġuża li niċħdu l-ħażen u t-tlellix li dan iġib miegħu, li nagħżlu t-tajjeb u nkunu lesti biex inħallsu kollox personalment: dan hu li jfisser li nimxu wara Kristu - nerfgħu salibna! Din hi l-gwerra qalila kontra l-ħażen.

Xi skop hemm li niġġieldu l-gwerer, ħafna gwerer, jekk m'għandniex ħila niġġieldu din il-gwerra kbira kontra l-ħażen? M'hemmx skop! Ma jiswa xejn... Dan ifissser, fost kollox, li l-gwerra kontra l-ħażen hi l-le tagħna għall-mibegħda bejn l-aħwa u l-gideb li japprofitta ruħu minnha, li ngħidu le għall-vjolenza f'kull għamla tagħha, li ngħidu le għat-tixrid tal-armi tal-qerda u l-bejgħ tagħhom fis-swieq klandestini.

Hemm tant minnhom! U dejjem jibqa' d-dubju: dik il-gwerra hemmhekk, jew hemmhekk, hija verament gwerra kontra l-problemi jew hi gwerra kummerċjali, biex inbigħu l-armi fis-swieq klandestini? Dawn huma l-għedewwa li flimkien, magħqudin u kooerenti, għandna niġġieldu kontrihom, bl-uniku għan li jsaltnu l-paċi u l-ġid komuni.

Mulej, inti ġejt fid-dinja biex issalva l-bniedem minnu nnifsu,
mid-dgħjufija tiegħu u mill-egoiżmu tiegħu.
Ġejt fid-dinja biex iġġib il-paċi
u biex turina t-triq tas-salvazzjoni.
Imma l-bniedem sfortunatament, ma jridx jisma'.
Ma jridx jagħmel dak l-isforz
biex issaltan il-paċi f'qalbu u fid-dinja.
Anke ħafna minn dawk li jsejħu lilhom infushom,
segwaċi ta' Kristu, jew li jħambqu li huma jqimu lil Alla,
sfortunatament ħafna drabi jħallu r-regħba għall-poter u għall-flus
jemarġinaw u jwarrbu lill-batut, lill-fqir u lid-dgħajjef,
kif ukoll, jirrovinawlhom l-imħabba u l-paċi f'qalbhom.
Bil-kuntrarju tagħna, Int, Mulej Ġesù,
qatt ma ħallejt il-mibegħda jew l-għira jbejtu f'qalbek.
Anzi, int dejjem ippridkajt l-imħabba u l-verità.
Int għidtilna: "Ħobbu lill-għedewwa tagħkom."
u tajtna eżempju ta' kif għandna ngħixu l-imħabba.
Int ma weġibtx bil-vjolenza, anzi qgħadt għal min sallbek
u, iktar minn hekk, tlabt lil missierek:
"Mulej, aħfrilhom għax ma jafux x'inhuma jagħmlu."
Jekk aħna ngħidu, u verament irridu, nimxu warajk, Ġesù,
hemm bżonn li nagħmlu bħalek,
jiġifieri mhux biss nippridkaw l-imħabba, iżda ngħixuha.
Irid ikollna l-kuraġġ li nħallsu l-prezz ta' din l-imħabba.
Għinna Mulej, ħalli f'ħajjitna niċħdu l-ħażen
u naħdmu favur il-paċi u l-għaqda bejn il-bnedmin.

**KANT**

**Nitolbu Flimkien**

Nitolbuk Mulej, flimkien mal-Papa Franġisku, sabiex il-mexxejja tal-pajjiżi jikkommettu ruħhom bis-sħiħ biex iwaqqfu l-bejgħ tal-armi, li jġibu tant qerda fost nies innoċenti.

Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tagħti lill-mexxejja l-kuraġġ li jfittxu l-paċi, iħottu l-ħitan, jegħlbu l-preġudizzji u biex jinsew il-ħtijiet tal-imgħoddi, ħalli ssaltan il-paċi fid-dinja.

Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu sabiex permezz tad-djalogu u l-ħidma komuni fil-komunità, nies li ma jitkellmux bejniethom jersqu lejn xulxin, biex isibu mezz sabiex jgħixu flimkien fil-paċi.

Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej, sabiex nirrealizzaw li l-paċi, il-ġustizzja u l-għaqda huma r-responsabbiltà ta' kull wieħed u waħda minna u li lkoll kemm aħna għandna mhux biss nitolbu għall-paċi, il-ġustizzja u l-għaqda, iżda għandna l-obligu li naħdmu għalihom.

Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex tagħtina s-sabar biex nisimgħu u nitgħallmu minn xulxin biex b'hekk ngħinu lil xulxin u ngħixu fis-sliem u nimpenjaw ruħna biex naħdmu għall-ġid komuni madwar id-dinja kollha.

Nitolbu …. Ismagħna nitolbuk Mulej.